# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA
## SEDE KOSTITUZZJONALI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 30 ta' Marzu 2023**

**Kawza Numru: 2**
**Rikors Kostituzzjonali Numru:- 73/2021 JVC**

**Diana Gatt (K.I. 697043M) mart Edgar Gatt, f'isimha proprju u bhala mandatarja tal-assenti Louise Caroline King (Passaport Brittaniku nru: 512345457); Julia Elizabeth Copeland (Passaport Brittaniku nru: 519225234); Deborah Anne O'Brien (Passaport Brittaniku nru: 513358168); Pina Vanna Olson Campbell (Passaport Brittaniku nru: 509636886); Tania Maria Josephine Begg (Passaport Brittaniku nru: 705142751) u Karin Stella Mooney (Passaport Amerikan nru: 426124772) kif debitament awtorizzata b'sitt prokuri**

**hawn annessi u mmarkati bhala Dokumenti ED1, ED2, ED3, ED4, ED5, ED6; Gabrielle sive Gay Carbonaro (K.I. 773644M) u zewgha l-Perit William Carbonaro (K.I. 12045M); Natalie mart Christopher Busuttil Leaver (K.I. 35551M); Rosanne Petrococchino (K.I. 269657M); Maurice Petrococchino (K.I. 222562M); Albert Petrococchino (K.I. 2322264M); David Tonna (K.I. 373645M); Robert Gatt (K.I. 249269M);**

**vs**

**Awtorità tad-Djar;**

**Carmelo Magri (K.I. 111437M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fejn ir-rikorrenti Diana Gatt proprio et nomine talbet kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond **Flat 2, 133, Triq il-Merkanti, Valletta**, li huma akkwistaw per via di successione mill-ereditàjiet tal-mejta ġenituri taghhom Florely Micallef Eynaud, Liliana u Maurice Petrococchino, u Mariny Ver Elst, u minghand Guza Bonello u Mary Elizabeth Olson.

2. Illi Gabrielle u William Carbonaro akkwistaw is-sehem indiviz taghhom ta' 27.34% minn dan il-fond in kwantu ghal 20.87%

tal-fond msemmija mill-wirt ta' Florely Micallef Eynaud u l-Kurunell Gerald Micallef Eynaud u in kwantu ghal akkwist ta' 6.47% minghand Giovanni Ver Elst.

3. Illi r-rikorrenti Gabrielle Carbonaro iddikjarat causa mortis l-eredita tal-mejta genituri taghha Florely u Gerald Micallef Eynaud b'dikjarazzjoni causa mortis tal-15 ta' Jannar 2008 fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza, hawn anness u mmarkat bhala "**Dokument A**" u b'dikjarazzjoni causa mortis addizzjonali b'kuntratt tat-28 ta' April 1997 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard, hawn anness u mmarkat bhala "**Dokument B**".

4. Illi s-sehem li Gabrielle u William Carbonaro akkwistaw minghand Giovanni Ver Elst sar b'kuntratt tal-14 ta' Ottubru 2009 fl-atti tan-Nutar Mario Rosario Bonello, hawn anness u mmarkat bhala "**Dokument C**".

5. Illi Giovanni Ver Elst kellu 20.87% mill-fond in kwistjoni mill-eredità tal-mejta ommu Mariny Ver Elst, u biegh l-istess sehem kif digà inghad, in kwantu ghal 6.47% lill-konjugi Carbonaro, 6.47% iehor lill-konjugi Petrococchino, 3.91% lil David Tonna u 3.91% lil Robert Gatt, u dan bil-kuntratt Dokument C hawn fuq msemmi.

6. Illi Nathalie Busuttil Leaver, Rosanne Petrococchino, Maurice Petrococchino u Albert Petrococchino akkwistaw is-sehem indiviz taghhom ta' 27.24% mill-fond imsemmi mill-eredità tal-mejta genituri taghhom, Maurice u Liliana Petrococchino, skond zewg dikjarazzjonijiet causa mortis tal-10 ta' Dicembru 2020, fl-atti tan-Nutar Henri Vassallo, hawn annessi u mmarkati bhala "**Dokument D**" u "**Dokument E**".

7. Illi Diana Gatt u David Tonna akkwistaw 18.75% mill-imsemmi fond mill-eredità tal-mejta ommhom Giuseppina sive Guza Bonello skond dikjarazzjoni causa mortis tas-16 ta' Jannar 2003 fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Sciberras Trigona, "**<u>Dokument F</u>**" hawn anness.

8. Illi l-imsemmi David Tonna u Robert Gatt akkwistaw 3.91% kull wiehed mill-proprjetà fuq msemmija mit-trasferiment maghmul minn Giovanni Ver Elst, b'kuntratt tal-14 ta' Ottubru 2009 fl-atti tan-Nutar Mario Rosario Bonello, Dokument C surreferit.

9. Illi Pina Vanna Olson Campbell, Tania Maria Josephine Begg u l-mejta Marika Chapman, u Karin Stella Mooney huma ulied Maria Elizabeth Olson nee Despott, li mietet fis-7 ta' Settembru 1985, u ghandhom 18.75% indivizi mill-istess proprjeta' mill-wirt tal-mejta ommhom li gie debitament denunzjat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni skond denunzja numru 4069/85, li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala "**<u>Dokument G</u>**".

10. Illi Marika Antonia Chapman, bint il-mejta Maria Elizabeth Olson, mietet fl-24 ta' Novembru 2018 u l-wirt taghha ddevolva b'testment tat-3 ta' Frar 2011 fuq zewgha Peter Henry Chapman, li miet fil-5 ta' Dicembru 2019.

11. Illi ai termini tal-istess testment tat-3 ta' Frar 2011, l-eredi ta' Marika Antonia Chapman u Peter Henry Chapman, l-eredi minnhom nominati huma r-rikorrenti uliedhom Deborah Anne O'Brien, Julian Copeland u Louise King.

**12.** Illi l-wirt tal-konjugi Marika, Antonia u Peter Henry Chapman gie debitament denunzjat lid-Direttur Generali tat-Taxxi Interni b'kuntratt tad-19 ta' Novembru 2020 fl-atti tan-Nutar Fabio Imbroll, hawn anness u mmarkat bhala "**Dokument H1**" u "**Dokument H2**".

**13.** Illi l-fond in kwistjoni mhux fond dekontrollat kif jirrizulta mid-"**Dokument I**" hawn anness.

**14.** Illi l-imsemmi fond huma mikrija lill-intimat **Carmelo Magri (K.I. 111437M)** mill-31 ta' Ottubru 1972, bil-kera miżera ta' **€185.00c** fis-sena, wara li kien gie hekk lokat mill-antekawza tar-rikorrenti, u llum bil-kera ta' **€185** fis-sena ghal kull appartament ai termini tal-Att X tal-2009, b'awmenti tenwi kull tlett snin skond l-oghli tal-hajja.

**15.** Illi kif fuq inghad, l-kera li l-intimat **Carmelo Magri (K.I. 111437M)** qed jhallas in kwantu ghall-fond de quo jammonta ghal €185.00c fis-sena, meta l-valur lokatizju tal-fond fis-suq huwa ferm u ferm aktar minn dak stabbilit bid-disposizzjonijet tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, liema disposizzjonijet gew mibdula bi ftit bl-Att X tal-2009.

**16.** Illi l-fond ilu rekwizizzjonat mill-**31 ta' Ottubru 1972** skond ordni ta' rekwizizzjoni nru. **26595**, skond "**Dokument J**" hawn anness, versu kera irrizorja.

**17.** Illi llum l-gurnata, l-fond ghadu okkupat mill-intimat **Carmelo Magri**.

**18.** Illi l-intimat Carmelo Magri, kif digà inghad, inghata l-pussess tal-istess fond minghand l-intimata Awtorita' tad-Djar bis-

sahha tar-rekwizizzjoni fuq msemmija u minghajr il-kunsens u l-approvazzjoni tar-rikorrenti odjerni jew l-antekawza minnhom.

**19.**Illi r-rikorrenti u l-antekawza minnhom gew affaccjati b'din l-Ordni ta' Rekwizizzjoni b'mod ingust u b'mod abbusiv u wara li l-Awtorita' tad-Djar insistiet u ezigiet li tohrog din l-Ordni ta' Rekwizizzjoni, u liema Ordni ta' Rekwizizzjoni tikser id-drittijiet kostituzzjonali taghhom a tenur ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan stante illi l-kera li imponewlhom li jircievu ma kienx il-kera tas-suq u lanqas proporzjonali ghad-drittijiet taghhom bhala sidien.

**20.**Illi l-Gvern arbitrarjament iffissa l-kera pagabbli fis-sena lir-rikorrenti liema somma hija naturalment wahda minima hafna u zgur ma kenitx tirrifletti l-valur kummercjali tal-fond.

**21.**Illi l-intimati jew min minnhom ghandhom jhallsu d-danni sofferti mir-rikorrenti minhabba dak impost fuqhom b'din ir-rekwizizzjoni li kisret id-drittijiet taghhom kostituzzjonali taghhom kif protetti mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea.

**22.**Illi ghalhekk ghad li huwa minnu li r-rikorrenti baqghu titolarji u proprjetarji tal-fond de quo, gie impost fuqhom 'landlord / tenant relationship' u fil-verita' l-agir huwa esporprjazzjoni de facto u dan ikkrea pregudizzju sproporzjonat u eccessiv fuq l-esponenti bi ksur tal-Ewwel Protokol tal-Artikolu Wiehed tal-Konvenzjoni Ewropea kif gia gie stabbilit fil-kawza **"Fleri Soler & Camilleri vs MALTA" deciza fis-26 ta' Dicembru 2006**

u **"Gerald Montanaro Gauci vs MALTA" deciza fit-30 ta' Awissu 2016.**

**23.** Illi ghad illi l-istat ghandu margini ta' diskrezzjoni wiesgha biex jassikura abitazzjoni decenti lil min ma jistax ikollu dan bil-mezzi tieghu stess, huwa ghandu pero` jassigura wkoll li bejn il-mezzi adoperati u l-iskop li jrid jilhaq, ikun hemm proporzjon bejn il-piz li jrid ibati s-sid li fuq il-proprjeta` tieghu tohrog l-ordni ta' rekwizizzjoni u l-interess ghas-socjeta` in generali u li b'din l-ingerenza sid ma jkunx assoggettat ghal disproportionate burden.

**24.** Illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem diga kellha okkazjoni tikkummenta f'kazi li rrigwardjaw lil Malta li ghalkemm m'hemmx dubju li l-Istat ghandu dover u allura d-dritt li jintervjeni biex jassikura abitazzjoni decenti lil min ma jistax ikollu dan bil-mezzi tieghu stess, li ndividwu jigi privat mill-uzu liberu tal-proprjeta' ghal hafna snin u fil-frattemp jircievi kera mizera, jammonta ghall-ksur tad-dritt in kwistjoni. Fil-kawza **"Ghigo vs Malta", deciza fis-26 ta' Settembru 2006**, il-Qorti sabet li jezisti l-ksur tad-dritt in kwistjoni ghaliex ir-rikorrenti gie privat mill-proprjeta' tieghu tnejn u ghoxrin (22) sena qabel u kien jircievi hamsa u hamsin (55) Euro fis-sena bhala kera. Fil-sentenza **"Fleri Soler et vs Malta"**, moghtija fl-istess data, l-istess Qorti ukoll sabet li d-dritt fundamentali tar-rikorrenti gie lez u allura qalbet sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta.

**25.** Illi b'sentenza ohra deciza mill-**Qorti Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fis-27 ta' Awwissu 2019, (Application no. 55747/16)** fl-ismijiet **Portanier vs Malta**, l-imsemmija Qorti ammoniet lill-Qorti Kostituzzjonali Maltija

talli qieghda b'mod kontinwu u sistematika tabdika mir-responsabbilta' taghha illi tordna l-izgumbrament tal-inkwilini f'kazijiet simili ghal dak odjern, meta fl-istess nifs ssib illi hemm lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

**26.**Illi sussegwentement, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), f'kaz simili ghal dak odjern **Rikors Nru. 77/2015 fl-ismijiet Joseph Camilleri vs L-Avukat Generali u Sylvia u Dennis konjugi Fenech deciza fit-3 ta' Ottubru 2019** mhux talli iddikjarat li kien hemm lezjoni tal-artikolu 37 ta' Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u b'hekk ordnat illi r-rikorrent jithallas s-somma ta' hmistax-il elf euro (€15,000) bhala kumpens pekunjarju u non-pekunjarju minhabba l-ksur imgarrab minnu talli laqghat it-talba tal-istess rikorrenti biex jigu zgumbrati l-intimati u kwindi jinghata pussess liberu tal-fond lir-rikorrenti u dan entro sena mid-data tas-sentenza bl-obbligu fuq l-intimati li jhallsu lir-rikorrenti kera ta' €300 fix-xahar mis-sentenza sal-eventwali ritorn tal-fond lir-rikorrenti.

**27.**Illi fil-kaz de quo certament li ma kienx hemm dan il-fair balance jew a reasonable relation of proportionality.

**28.**Illi in vista tal-kazistika surreferita, sahansitra dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, certament li ma hemm ebda dubju li din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeciedi l-kawza odjerna billi ssib illi r-rikorrenti nkisrilhom id-dritt fundamentali taghhom sancit bl-imsemmi Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**GHALDAQSTANT ir-rikorrenti jitolbu bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, u ghar-ragunijiet premessi, sabiex jghidu l-intimati ighaliex m'ghandhiex:**

**(I)** Tiddikjara u tiddeciedi illi minhabba c-cirkostanzi u fatti suesposti u dawk li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors u minhabba l-Ordni ta' Rekwizizzjoni numru R.O.26595, tezisti lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u l-antekawza minnhom kif sanciti fl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u li l-effetti ta' tali Ordni ta' Rekwizizzjoni ghadhom sa llum jincidu fuq id-drittijiet patrimonjali, kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti.

**(II)** Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi illi l-lokazzjoni tal-fond **Flat 2, 133, Triq il-Merkanti, Valletta**, proprjeta tar-rikorrenti, a favur tal-intimat **Carmelo Magri (K.I. 111437M)** tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u b'hekk tordna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju jitterminaw il-lokazzjoni relattiva u jikkancellaw ghall-effetti kollha tal-ligi ir-rekwizizzjoni relattiva, oltre rimedji ohra li din l-Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa sabiex tassigura illi r-rikorrenti jigu rrintegrati fil-pussess u godiment shih u reali ta' hwejjighom, primarjament billi l-istess intimat **Carmelo Magri (K.I. 111437M)** jigi zgumbrat mill-fond imsemmi u r-rikorrenti rrintegrati fil-pussess u godiment shih ta' hwejjighom.

**(III)** Tiddikjara u Tiddeciedi illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tar-rekwizizzjoni u okkupazzjoni in kwistjoni li ma kkreatx bilanc gust bejn id-drittijiet tas-sidien rikorrenti u dawk ta' l-inkwilini, stante illi l-kera pagabbli lir-rikorrenti ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjeta' in kwistjoni.

**(IV)** Tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti, ai termini tal-Ligi.

**(V)** Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom jhallsu l-istess kumpens u danni hekk likwidati ai termini tal-Ligi, bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni ta' l-intimati minn issa għas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta ta' Carmelo Magri li taqra kif isegwi:

'Illi l-kawża odjerna tittratta ilment kostituzzjonali, senjatament, leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (L-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u dan minħabba l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni numru R.O. 26595 u l-effetti tagħha li skond ir-rikorrenti għadhom jinidu id-drittijiet patrimonjali, kostituzzjonali u konvenzjonali tagħhom;

Illi din ir-risposta qiegħda tiġi intavolata fiż-żmien stipulat fil-liġi nostrana u in linea mal-ordni ta' din l-Onorabbli Qorti abbażi tad-digriet tagħha datat 16 ta' Frar 2021;

Eċċezzjonijiet Preliminari

1. Illi l-esponent m'huwix il-leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna stante li ċittadini privati ma jistgħux ikunu misjuba li kisru d-drittijiet fundamentali ta' terzi, imma huwa biss l-Istat li jista' jinżamm responsabbli ghal dan, speċjalment meta wieħed iqis il-fatt li l-unika ħaġa li għamel l-esponent kien li assigura li jottempora ruħu ma' dak li tghid il-ligi nostrana u xejn izjed;

   Illi f'dan r-rigward, fil-kawża fl-ismijiet **Vincent Curmi nomine et vs. Avukat Generali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar l-24 ta' Ġunju 2016, il-Qorti qalet:

   > *"[..] illi in kwantu l-imsemmija leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hi naxxenti minn strumenti statutorji, u in kwantu kull ma' għamel u kull ma' qiegħed jagħmel il-Bank intimat hu li jiżufruwixxi minn provvedimenti tal-liġi applikabbli u li għadhom viġenti b'mod li allura ma kienx u mhux fi stat ta' illegalita',* ***m'għandux ibati konsegwenzi tal-aġir tiegħu in linea mal-massima – qui suo iure utitur, non videtur damnum facere"; imma għandu jkun l-intimat Avukat Ġenerali waħdu li jerfa' l-piż ta' tali rimedju u konsegwentement iħallas il-kumpens stabbilit permezz ta' dan il-ġudizzju"***

   Illi dan ġie spjegat ukoll mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha, datata 8 t'Ottubru 2020, fl-ismijiet ta' Anthony Debono et. Vs. Avukat Ġenerali et.:

*"Tassew ukoll illi l-konvenuti Mifsud ma jaħtux għall-ksur tad-drittijiet tal-atturi għax kulma għamlu kien li mxew kif trid il-liġi u ħadu benefiċċji li tagħti l-liġi. Dan huwa minnu, u huwa r-raġuni għala huwa l-Avukat tal-Istat, u mhux il-konvenuti Mifsud, li ġie kundannat iħallas id-danni.";*

2. Illi r-rikorrenti qegħdin jabbużaw mill-proċess kostituzzjonali stante illi qegħdin jadoperaw proċedura straordinarja bħal ma' hija l-proċedura odjerna meta kellhom a dispożizzjoni tagħhom rimedji ordinarji ulterjuri sabiex iħarsu d-drittijiet pretiżi minnhom fil-forma ta' mezzi ġudizzjarji ta' stharrig gudizzjarju tad-decizjoni tal-Awtorita' kif ukoll ta' reviżjoni tal-pagament tal-kera;

<u>Eċċezzjonijiet fil-Mertu</u>

3. Illi l-esponent ma jaħti u ma jista' jaħti għall-ebda leżjoni li allegatament ir-rikorrenti qegħdin isostnu li soffrew jew qegħdin isofru stante li huwa dejjem aderixxa mal-liġi nostrana, u per konsegwenza ma jistgħax jinghad li l-esponent agixxa hazin u/jew mhux in linea ma' dak li tghid il-liġi;

   Illi f'dan ir-rigward jiġi eċċepit kif l-esponent qatt ma naqas mill-obbligi tiegħu bħala inkwilin iżda ta' min wiehed jirrimarka illi huma r-rikorrenti li naqsu mill-obligazzjonijiet tagħhom bħala sidien tal-fond, stante li dejjem kien l-inkwilin li ħa ħsieb kwalunkwe manutenzjoni ordinarja jew straordinarja li kien jirrikjedi l-fond;

Illi l-esponent jirrileva wkoll kif ir-rikorrenti qatt ma talbuh sabiex isir xi awment fil-kera dovuta;

4. Illi t-talba għall-iżgumbrament hija insostenibbli stante li l-esponent qiegħed jirrisjedi fil-propjeta' in kwistjoni taħt titolu validu fil-liġi u mhux klandestinament;

5. Illi oltre minn hekk, kif spjegat fid-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti datata 3 ta' Diċembru 2020 fl-ismijiet ta' Doreen Grima et. Vs. Awtorita' tad-Djar et., din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex il-kompitu biex tordna l-iżgumbrament:

> *"...huwa wkoll stabbilit li m'huwiex il-kompitu ta' Qorti mitluba tistħarreġ ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali dwar it-tgawdija bil-kwiet tal-ġid u l-għoti ta' kumpens xieraq biex tordna t-tneħħija mill-post tal-okkupant li jkun.*
>
> *F'każ bħal dak, ir-rimedju jrid jitfittex quddiem it-tribunal xieraq li lilu l-liġi tagħti l-kompetenza speċjali biex iqis kwistjonijiet bħal dawn.*
>
> *Dwar it-talba tar-rikorrenti għall-iżgumbrament tal-intimata Baldacchino, il-Qorti ma tistax tikkondividi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti.*
>
> *Kif ingħad fil-każ Josephine Azzopardi pro et noe v L-Onorevoli Prim Ministru et deċiż fis-27 ta' Ġunju 2017 (Rik 96/2014): –*

*"Illi ġie deċiż diversi drabi mill-Qrati tagħna li l-proċeduri kostituzzjonali m'humiex il-forum addattat sabiex jiġi deċiż jekk inkwilin għandux jiġi żgumbrat jew le. Din il-vertenza tispetta lill-qrati ordinarja jew lill-Bord li Jirregola l-Kera skont il-każ.*

*Dak li huwa rilevanti hija l-konsiderazzjoni li, filkaż li jinstab li liġi hija vjolattiva tad-drittijiet fundamentali ta' xi parti, dik illiġi ma tistax tibqa' tingħata effett bejn il-partijiet kemm-il darba u sakemm lapplikazzjoni tagħha tkun leżiva għad-drittijietfundamentali ta' dik il-parti (ara sentenza Curmi vs Avukat Ġenerali, Kost 24/06/2016);"*

*Din l-Qorti għalhekk mhux ser tipprovvdi fuq dan ir-rimedju mitlub u din il-parti tat-talba tar-rikorrenti għalhekk mhix ser tintlaqa'..."*

Illi dan kien irrimarkat ukoll fil-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża bl-ismijiet ***Dr. Cedric Mifsud et Vs. l-Avukat Generali*** **(31.01.2014)** li:

*"huwa wkoll stabbilit li m'huwiex il-kompitu ta' Qorti mitluba tistħarreg ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali dwar it-tgawdija bil-kwiet tal-ġid u l-għoti ta' kumpens xieraq biex tordna t-tneħħija mill-post tal-okkupant li jkun.";*

6. Illi f'kull każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent m'għandu jbati l-ebda spejjeż in konnessjoni ma'

dawn il-proċeduri, abbażi tal-fatt li ma jistgħax ikun kkastigat talli ħares l-ordnijiet legittimi tal-Istat;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.'.

Rat ir-risposta ta' l-Awtorita' tad-Djar li taqra kif isegwi:

'Illi qabel xejn l-atturi iridu jipprovaw it-titolu taghhom u jipprovaw ukoll li ma hemm ebda sidien ohra tal-fond mertu tal-kawza u f'kaz li l-atturi akkwistaw il-fond b' titolu oneruz, u inter vivos, allura ma hemm ebda lezjoni kostituzzjonali;

Illi drittijiet fundamentali u id-dritt ta' azzjoni ghal-lezjoni ta' drittijet fundamentali ma jistghux jigu trasferiti la inter vivos u la causa mortis ghaliex dawk huma drittijiet moghtija personalment lil min ikun issubixxa il-lezjoni. Dawn id-drittijiet huma extra commercium u mhux trasferibbli. Kieku drittijiet fundamentali jistghu jigu trasferiti inter vivos jew causa mortis, peress li tali drittijiet m' humiex preskrivibbli allura jista' jaghti l-kaz li l-Istat jigi anke imfittex ghall-lezjoni per ezempju ta' arresti illegali li graw il-fuq minn mitt sena ilu;

Illi jekk l-atturi ma kinux is-sidien meta sehhet l-allegata lezjoni kostituzzjonali allura huma ma ghandhom ebda locus standi f' din il-kawza u ghalhekk ir-rikors huwa null; il-lezjoni tista biss tkun meqjusa minn meta l-atturi wirtu il-propjeta' u mhux qabel. U jekk xtrawha meta kienu jafu li hemm xkiel fuq il-propjeta' allura ebda lezjoni ma tezisti ghax dak il-fatt ikun gie meqjus fil-prezz li jkunu hallsu.

Illi ma kien hemm xejn hazin fil-hrug tal-Ordni ta' Rekwizizjoni u intant anke hawn ma gewx ezawriti ir-rimedji ordinarji ghaliex

hadd ma ipproceda biex tigi sindakata gudizzjarjament id-diskrezzjoni amministrattiva li ittiehdet meta hargu l-ordnijiet;

Illi Ordni ta' Rekwizizzjoni ma tledix id-drittijiet kostituzzjonali u hija permessa biex tara li jkun hemm tqassim gust tal-gid fil-pajjiz. Il-kostituzzjoni taghti id-dritt lill-istat li jillimita id-drittijiet tal-propjeta basta jkun hemm proporzjonalita' bejn il-limitazzjoni fuq id-dritt u il-kumpens imhallas;

Illi tant ma hemm ebda lezjoni u ebda piz zejjed li kien qed jingarr mill-atturi li din l-azzjoni inbdiet biss hafna snin wara li kienet harget l-ordni ta' rekwizizzjoni cioe fil-31 ta' Ottubru 1972 - xejn inqas minn 49 sena wara l-Ordni ta' Rekwizizzjoni;

Illi l-atturi stess jghidu li il-fond mertu tal-kawza ghadda s'ghandhom permezz ta' testament minghand is-sidien originali cioe Florely Micallef, Gerald Micallef Eynaud, Mariny Ver Elst, Giovanni Ver Elst, Maurice Petrococchino, Liana Petrococchino, Giuseppina Bonello, Maria Elizabeth Olsen, li kienu accettaw lill-inkwilin fil-fond mertu tal-kawza. Allura l-antekawzi stess ma hassewx xi lezjoni ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem peres li qatt ma' bdew proceduri sabiex jawmentaw l-kera jew biex jergghu jichdu l-propjeta lura u intant l-atturi kienu jafu li gewwa l-fond jirrisjedi l-inkwilin konvenut u dan ghandu jimmilita kontra l-atturi;

Illi iz-zmien li l-atturi hallew li jghaddu biex bdew dawn il-proceduri juru li fil-verita' anke huma ma hassewx li kien hemm lezjoni ghax min ihoss lezjoni dwar drittijiet tal-bniedem soltu jagixxi b' mod tempestiv. Ghalhekk dan it-trapass ta' zmien ghandu ukoll jimmilita kontra l-atturi;

Illi l-atturi stess jikkonfermaw fir-rikors promotur taghhom li l-kera kienet tghaddi direttament lilhom u ghalhekk kien hemm relazzjoni bejn is-sid u inkwilin; dan il-fatt ukol ghandu jkollu piz fuq il-kawza.

Illi l-atturi fit-tielet u fir-raba' talba ihalltu kumpens ghall-lezjoni ta' drittijiet fundamentali ma' azzjoni ta' danni. Imma dan mhux permess mill-ligi - l-atturi ma messhom qatt halltu wahda mal-ohra. Huma kien messhom ghazlu triq wahda. Din il-Qorti ma ghandiex taghti u takkorda danni. Fil-fatt anke fejn il-Qorti issib li jkun hemm sproporzjonalita' bejn il-limitazzjonijiet tad-dritt u il-kumpens, l-istess Qorti qatt ma tuza il-valur lokatizju fis-suq miftuh biex tillikwida il-kumpens xieraq biex jispurga il-lezjoni kostituzzjonali;

Illi l-atturi ma sofrew xejn jew ma sofrewx daqs kemm qed jallegaw u ghalhekk it-talbiet kollha ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-atturi.’.

Rat l-affidavits, xhieda, kuntratti, dikjarazzjonijiet *causa mortis*, denunzja, certifikat ta’ non-dekontroll, estratt mir-registru pubbliku, prokuri, rapport, ordni ta’ rekwizizzjoni u ordni ta’ derekwizizzjoni fuq il-fond Flat 2, 133 fi Triq il-Merkanti, Valletta, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tat-8 ta’ April, 2021 Dr Nicholas Debono ghan-nom tar-rikorrenti talab in-nomina ta’ perit tekniku, rat li Dr Thomas Zammit u Dr Maxine Gatt ghall-intimati rrimettew ruhhom u rat li l-Qorti laqghet it-talba u nnominat lill-Perit Stephanie Cassar sabiex tivvaluta l-valur lokatizzju tal-fond Flat 2, 133 fi Triq il-Merkanti, Valletta mill-31 ta’ Ottubru, 1972 u kull hames snin sallum;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Stephanie Cassar ipprezentat fl-atti nhar is-27 ta' Mejju, 2021 u mahluf nhar is-26 ta' Lulju, 2021 a fol. 106 et seq tal-process;

Rat id-domandi in eskussjoni mill-intimat Carmelo Magri lill-Perit Tekniku Stephanie Cassar a fol. 140A et seq tal-process, u rat ir-risposti tal-Perit Tekniku Stephanie Cassar esebiti fl-atti nhar it-12 ta' Lulju, 2022 a fol. 156 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal datat 21 ta' Gunju, 2022 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' li l-partijiet jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

**L-ewwel eccezzjoni tal-intimata Awtorita' tad-Djar - prova tat-titolu tar-rikorrenti:**

Illi bhala l-ewwel eccezzjoni taghha l-intimata Awtorita' tad-Djar eccepiet illi r-rikorrenti jridu jgibu prova tat-titolu taghhom u jipruvaw ukoll li ma hemm ebda sidien ohra tal-fond mertu tal-kawza odjerna u f'kaz li r-rikorrenti akwistaw il-fond b'titolu oneruz u inter vivos, m'hemm l-ebda lezjoni kostituzzjonali. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha (fol. 173) l-Awtorita' espandiet billi sostniet illi l-prova tat-titolu ma gietx sodisfatta. Sostniet illi t-titolu ma jigix pruvat bid-dikjarazzjoni *causa mortis* pero' meta jkunu gejjin minn wirt jew legat iridu jingiebu provi bhal certifikat

tal-mewt, ricerki testamentarji u anke testmenti. L-Awtorita' intimata sostniet ukoll illi whud mir-rikorrenti akkwistaw il-proprjeta' b'xiri u ghalhekk kienu konsapevoli li l-proprjeta' kienet soggetta ghal ordni ta' rekwizizzjoni b'dan li l-ebda kumpens m'ghandu jkun dovut.

Illi dwar it-titolu tal-proprjeta' Flat 2, 133 fi Triq il-Merkanti, Valletta l-Qorti setghet tinnota li r-rikorrenti ghandhom is-segwenti kwoti kull wiehed u wahda minnhom u li gie ghandhom bil-mod segwenti:

1. 27.34% - proprjeta' ta' Gabrielle sive Gay u zewgha l-Perit William Carbonaro liema kwota giet akwistata in kwantu ghal 20.87% mill-wirt u successjoni tal-genituri ta' Gabrielle sive Gay Carbonaro - Florely Micallef Eynaud u Kurunell Gerard Micallef Eynaud (fol. 13) u l-kwota ta' 6.47% b'kuntratt t'akwist tal-14 ta' Ottubru, 2009 fl-atti tan-Nutar Mario Rosario Bonello (fol. 31) minghand Giovanni Ver Elst.

2. 27.34% - proprjeta' ta' Nathalie Busuttil Leaver, Rosanne Petrococchino, Maurice Petrococchino u Albert Petrococchino liema kwota giet ghandhom in kwantu ghal kwota' ta' 20.87% mill-wirt u successjoni tal-genituri taghhom Maurice u Liliana Petrococchino (fol. 36) u l-kwota ta' 6.47% b'kuntratt t'akwist tal-14 ta' Ottubru, 2009 fl-atti tan-Nutar Mario Rosario Bonello (fol. 31) minghand Giovanni Ver Elst.

   Jigi nutat li din il-kwota fil-premessi giet indikata erronjament fl-ammont ta' 27.24% meta fir-realta' l-ammont kellu jkun dak ta' 27.34%.

3. 18.75% - proprjeta' ta' Diana Gatt u David Tonna liema kwota giet ghandhom mill-wirt u successjoni ta' ommhom Giuseppina sive Guza Bonello (fol. 44).

4. 3.91% - proprjeta' ta' David Tonna liema kwota giet ghandu b'kuntratt t'akwist tal-14 ta' Ottubru, 2009 fl-atti tan-Nutar Mario Rosario Bonello (fol. 31) minghand Giovanni Ver Elst.

5. 3.91% - proprjeta' ta' Robert Gatt liema kwota giet ghandu b'kuntratt t'akwist tal-14 ta' Ottubru, 2009 fl-atti tan-Nutar Mario Rosario Bonello (fol. 31) minghand Giovanni Ver Elst.

6. 18.75% - proprjeta' ta' Pina Vanna Oldon Campbell, Tania Maria Josephine Begg u l-mejta Marika Champman (dahlu flokha wliedha Deborah Anne O'Brien, Julia Copeland u Louise King) u Karin Stella Mooney liema kwota giet ghandhom mill-wirt u successjoni tal-mejta ommhom Maria Elizabeth Olson nee' Despott (fol. 46).

Illi kif gie ritenut diversi drabi fil-gurisprudenza nostrali f'kazijiet bhal dawn ta' indoli kostituzzjonali m'hijiex mehtiega l-*probatio diabolica* tal-proprjeta'. L-Awtorita' intimata targumenta li apparti d-dikjarazzjonijiet *causa mortis* u d-denunzji riedu jigu esebiti certifikati tal-mewt, ricerki testamentarji u testmenti. Fil-fehma tal-Qorti huwa minnu li d-dikjarazzjonijiet *causa mortis* u d-denunzji pprezentati fl-atti huma merament kuntratti dikjaratorji u bazikament fihom jistghu jigu ddikjarati proprjetajiet varji li anke ma jkunux jappartjenu lid-dikjarant. Madanakollu l-Qorti ma temminx li f'tali kaz in-Nutar konsapevoli b'dan kien ser jipprocedi bil-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Fil-kaz in ezami, il-proprjeta' in kwistjoni ma gietx iddikjarata f'dikjarazzjoni *causa mortis* u denunzja wahda, pero' f'numru konsiderevoli, b'dan li

effettivament ilkoll jikkonfermaw l-istess titolu li jorigina mill-familja Busuttil.

Oltre dan, l-prova tat-titolu tirrizulta wkoll mir-relazzjoni ezistenti bejn sid il-kera – ir-rikorrenti u l-kerrej l-intimat Carmelo Magri. Fl-atti xehed Andrew Xuereb – Senior officer fis-sezzjoni legali tal-Awtorita' tad-Djar li esebixxa numru ta' dokumenti konsistenti f'ordni ta' rekwizizzjoni numru 26595 datata 31 ta' Ottubru, 1972 mahruga fil-konfront ta' Maurice Petrococchino (fol. 133 u fol. 134), ftehim datat 29 ta' Mejju, 1973 fejn permezz tieghu l-fond in kwistjoni gie allokat lill-intimat Carmelo Magri (fol. 135), kopji ta' ricevuti tal-hlas tal-kera mill-intimat Magri lir-rikorrenti (fol. 136), u ordni ta' derekwizizzjoni datat 19 ta' Mejju, 2011 mibghuta lil Maurice L. Petrococchino (fol. 137). Mill-assjem tal-provi, il-Qorti tqis li hemm prova sufficjenti sal-grad rikjest mil-ligi li r-rikorrenti huma l-proprjetarji tal-fond mertu tal-kawza odjerna.

Illi dwar it-tieni parti tal-ewwel eccezzjoni relatata mal-fatt li whud mir-rikorrenti akwistaw il-fond b'titolu oneruz u inter vivos b'dan li allura l-intimata ssostni li m'hemmx lezjoni kostituzzjonali l-Qorti rat li jirrizulta li r-rikorrenti konjugi Carbonaro, ir-rikorrenti Nathalie Busuttil Leaver, Rosanne Petrococchino, Maurice Petrococchino u Albert Petrococchino, David Tonna u Robert Gatt akwistaw bejniethom l-kwota ta' 20.47% minn diversi proprjetajiet fosthom il-fond mertu tal-kawza odjerna ghal valur ta' €6,000 b'kuntratt tal-14 ta' Ottubru, 2009 fl-atti tan-Nutar Mario Rosario Bonello (fol. 31). Huwa car li r-rikorrenti msemmija hadu vantagg mis-sitwazzjoni tar-rekwizizzjoni u akwistaw dan il-fond (flimkien ma' ohrajn) bi prezz vantagjuz.

Il-Qorti taqbel in parte mal-eccezzjoni tal-Awtorita' intimata fis-sens li ma jistax jinghad li r-rikorrenti konjugi Carbonaro, Nathalie Busuttil Leaver, Rosanne Petrococchino, Maurice Petrococchino u Albert Petrococchino, Tonna u Gatt fil-kwota ta' 20.87% sofrew ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom b'effett mis-sena 2009 u cioe' appena xtraw il-fond. Madanakollu mill-banda l-ohra lanqas jista' jitqies li jghaddi kemm jghaddi zmien bl-iskuza li xtraw konsapevoli tar-rekwizizzjoni u l-kirja, r-rikorrenti ma jistghu qatt jilmentaw minn ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom.

Il-Qorti temmen li invista tal-fatt li l-maggor parti tal-akwirenti tal-kwota ta' 20.87% kienu gja proprjetarji ta' kwota ulterjuri tal-fond mertu tal-kawza u ghalhekk kull m'ghamlu huwa li kkonsolidaw il-kwota taghhom, l-ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti msemmija fil-kwota ta' 20.87% ghandu xorta jibda jitqies mis-sena 2010[1].

**<u>Rapport tal-Perit Tekniku Stephanie Cassar:</u>**

Illi permezz ta' digriet tat-8 ta' April, 2021 din il-Qorti nnominat lill-Perit Tekniku Stephanie Cassar sabiex taccedi fuq il-fond mertu tal-kawza odjerna ossia Flat 2, 133 fi Triq il-Merkanti, Valletta u tirrelata dwar il-valur lokatizzju tieghu mill-31 ta' Ottubru, 1972 u kull hames snin sallum.

Ir-rapport tal-Perit Tekniku gie esebit fl-atti nhar is-27 ta' Mejju, 2021 u mahluf mill-istess Perit nhar is-26 ta' Lulju, 2021 u jinsab a fol. 106 et seq tal-process. Il-Perit Tekniku fir-rapport taghti deskrizzjoni tal-proprjeta', spjegazzjoni tal-permessi u fatturi relattivi u sussegwentement tghaddi sabiex taghti l-valutazzjoni

[1] Ara f'dan is-sens is-sentenza **Alexander Caruana et -vs- Doris Zarb et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-28 ta' April, 2021.

tal-proprjeta' Flat 2, 133 fi Triq il-Merkanti, Valletta u l-valur lokatizju tal-istess.

Il-Perit Tekniku tiddikjara li bhala valur fis-sena 2021 tal-proprjeta' mertu tal-kawza fis-suq liberu huwa dak ta' tlett mija u disghin elf Ewro (€390,000). Tkompli li l-valur lokatizju tal-fond in kwistjoni mis-sena 1972 u kull sena sas-sena 2021 gie stmat bil-mod segwenti:

| Sena | Valur tas-Suq | Valur Lokatizju |
|---|---|---|
| 1972 | €23,834 | €834 |
| 1973 | | |
| 1974 | | |
| 1975 | | |
| 1976 | | |
| 1977 | €31,700 | €1,109 |
| 1978 | | |
| 1979 | | |
| 1980 | | |
| 1981 | | |
| 1982 | €42,162 | €1,476 |
| 1983 | | |
| 1984 | | |
| 1985 | | |
| 1986 | | |
| 1987 | €56,077 | €1,963 |
| 1988 | | |
| 1989 | | |
| 1990 | | |
| 1991 | | |
| 1992 | €74,585 | €2,610 |
| 1993 | | |
| 1994 | | |
| 1995 | | |
| 1996 | | |
| 1997 | €99,201 | €3,472 |
| 1998 | | |
| 1999 | | |
| 2000 | | |
| 2001 | | |
| 2002 | €131,941 | €4,618 |
| 2003 | | |
| 2004 | | |
| 2005 | | |
| 2006 | | |
| 2007 | €175,487 | €6,142 |
| 2008 | | |
| 2009 | | |
| 2010 | | |
| 2011 | | |
| 2012 | €233,404 | €8,169 |
| 2013 | | |
| 2014 | | |
| 2015 | | |
| 2016 | | |
| 2017 | €310,437 | €10,865 |
| 2018 | | |
| 2019 | | |
| 2020 | | |
| 2021 | €390,000 | €13,650 |

Dwar il-valur lokatizzju l-Perit Tekniku spjegat li dan gie kkalkolat kull sena, b'zidiet effettivi kull hames (5) snin, li jirrizultaw minn zidiet fil-valur fis-suq.

Il-Qorti rat li hadd mill-partijiet ma ressaq talba ghal hatra ta' periti perizjuri.

**<u>It-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-Awtorita' tad-Djar intimata:</u>**

Illi permezz tat-tieni u t-tielet eccezzjoni l-intimata Awtorita' tad-Djar eccepiet illi d-drittijiet fundamentali u d-dritt ta' azzjoni ghal-lezjoni tad-drittijiet fundamentali ma jistghux jigu trasferiti *inter vivos* u lanqas *causa mortis* ghaliex dawk huma drittijiet moghtija personalment lil min ikun issubixxa l-lezjoni. Issostni illi jekk ir-rikorrenti ma kienux is-sidien meta sehhet l-allegata lezjoni kostituzzjonali allura huma m'ghandhomx ebda locus standi f'din il-kawza ghaliex ir-rikors huwa null. Ulterjorment tissottometti li l-lezjoni tista' biss tkun meqjusa minn meta r-rikorrenti wirtu l-proprjeta' u mhux qabel u jekk xtrawha meta kienu jafu li hemm xkiel fuq il-proprjeta' allura ebda lezjoni ma tezisti ghaliex dak il-fatt ikun gie meqjus fil-prezz li jkun hallas.

Il-gurisprudenza kostanti tqis li vittma ta' lezjoni ta' drittijiet fundamentali taht l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghandha dritt li titlob danni mhux biss fiz-zmien li hija kienet proprjetarja tal-fond pero' anke fiz-zmien tal-ante kawza taghha. Infatti nghad fis-sentenza fl-ismijiet **Erica Gollcher et -vs- Avukat tal-Istat et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta' Jannar, 2022 illi:

> '26. Fir-rigward tal-argument illi d-danni akkordati huma eċċessivi, il-Qorti tibda billi tosserva illi ma taqbilx mal-ewwel Qorti li ż-żmien relevanti beda jiddekorri mill-2001, u ċioe` minn meta l-fond in kwistjoni sar proprjeta` tal-atturi. Jirriżulta li l-atturi akkwistaw dan il-fond bħala l-eredi ta'

> ommhom, u għalhekk iż-żmien relevanti m'għandux jiġi ristrett għad-data meta l-atturi saru l-proprjetarji, ġaladarba bħala eredi ta' ommhom, huma daħlu fiż-żarbun tagħha. Dan ifisser għalhekk li l-ewwel Qorti ma akkordatx kumpens għal numru ta' snin li għalihom l-atturi kienu ntitolati għal kumpens.'.

L-istess ragunament sar fis-sentenza fl-ismijiet **Carmel sive Charles Sammut et -vs- Maria Stella Dimech** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta' Mejju, 2021 fejn inghad:

> '17. Il-fatt li l-proprjeta` għaddiet għand l-aħwa Sammut wara l-mewt ta' missierhom fit-22 ta' Ottubru 2008 ma jfissirx li għandhom jedd għall-kumpens minn dakinhar biss. Huma werrieta ta' missierhom u bħala tali għandhom jedd ukoll li jippretendu kumpens għall-perjodu meta missierhom kien is-sid.'.

Din il-Qorti taqbel perfettament mal-posizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad dawn iz-zewg eccezzjonijiet.

**<u>Ir-raba', l-hames u s-sitt eccezzjoni tal-intimata Awtorita' tad-Djar u t-tieni eccezzjoni tal-intimat Magri – nuqqas ta' ezawriment tar-rimedji ordinarji:</u>**

L-intimata Awtorita' tad-Djar fir-raba' eccezzjoni teccepixxi li ma kien hemm xejn hazin fil-hrug tal-ordni ta' rekwizizzjoni u intant anke hawn ma gewx ezawriti r-rimedji ordinarji ghaliex hadd ma proceda biex tigi sindakata gudizzjarjament id-diskrezzjoni amministrattiva li ttiehdet meta hargu l-ordnijiet. Fil-hames eccezzjoni tkompli tespandi mal-eccezzjoni precedenti billi tghid illi ordni ta' rekwizizzjoni ma tilledix id-drittijiet kostituzzjonali u hija permessa biex tara li jkun hemm tqassim gust tal-gid fil-pajjiz.

Isostni li l-Kostituzzjoni taghti d-dritt lill-Istat li jillimita d-drittijiet tal-proprjeta' basta jkun hemm proporzjonalita' bejn il-limitazzjoni fuq id-dritt u l-kumpens imhallas. Teccepixxi wkoll fis-sitt eccezzjoni li tant li m'hemm l-ebda piz zejjed li kien qed jingarr mir-rikorrenti li din l-azzjoni nbdiet biss hafna snin wara li kienet hierga l-ordni ta' rekwizizzjoni cioe' fil-31 ta' Ottubru, 1972 – xejn inqas minn 49 sena wara l-Ordni ta' Rekwizizzjoni.

L-intimat Magri wkoll jeccepixxi li r-rikorrenti qeghdin jabbuzaw mill-process kostituzzjonali stante li qeghdin jadoperaw procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta kellhom a disposizzjoni taghhom rimedji ordinarji ulterjuri sabiex iharsu d-drittijiet pretizi minnhom fil-forma ta' mezzi gudizzjarji ta' stharrig gudizzjarju tad-decizjoni tal-awtorita' kif ukoll ta' revizjoni tal-pagament tal-kera.

Illi fejn l-intimati qed jaccennaw ghar-rimedji ordinarji qeghdin jaghmlu referenza ghall-proceduri ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 125 tal-Ligijiet ta' Malta u ghall-Artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Artikolu 8 tal-Kap. 125 tal-Ligijiet ta' Malta jippermetti kontestazzjoni ta' rekwizizzjoni f'cirkostanzi estremi fejn ir-rekwizizzjonat irid juri li bir-rekwizizzjoni ser ibati konsegwenzi horox. Is-sub-artikolu 3 tal-Artikolu 8 jippreciza li kontestazzjoni ta' rekwizizzjoni ghar-raguni li r-rekwizizzjonat jixtieq li jiehu pussess tal-bini ghall-uzu tieghu nnifsu jew ghall-uzu ta' xi hadd tal-familja tieghu ma titqiesx fiha nfisha bhala tbatija ta' konsegwenza harxa. Il-Qorti tosserva li ma kienx daqstant facli li tikkontesta ordni ta' rekwizizzjoni. Il-Qorti temmen li din ir-raba' eccezzjoni tapplika sa meta r-rekwizizzjoni baqghet in vigore.

S'intendi r-rimedji li l-Awtorita' intimata qeghda taghmel referenza ghalihom huma differenti minn dawk mitluba lil din il-

Qorti dwar allegat ksur ta' drittijiet fundamentali. Ghalhekk zgur li ma jistax jinghad li r-rikorrenti naqsu milli jezawrixxu ruhhom mir-rimedji ordinarji gjaladarba r-rimedju disponibbli fi ksur ta' drittijiet fundamentali setgha biss isir bil-procedura odjerna.

**<u>Is-seba' u t-tmien eccezzjoni tal-Awtorita' intimata – it-trapass ta' zmien bejn meta bdiet il-lezjoni u l-proceduri odjerni ghadu jimmilita kontra r-rikorrenti:</u>**

Illi fis-seba' u t-tmien eccezzjoni l-intimata Awtorita' eccepiet illi r-rikorrenti nfushom jghidu li l-fond mertu tal-kawza ghadda ghandhom permezz ta' testment minghand is-sidien originali b'dan li jfisser li l-antekawza stess ma hassewx xi lezjoni ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem peress li qatt ma bdew proceduri sabiex jawmentaw il-kera jew biex jergghu jiehdu l-proprjeta' lura u intant r-rikorrenti kienu jafu li gewwa l-fond jirrisjedi l-inkwilin intimat u dan ghandu jimmilita kontra. Izzid ukoll li z-zmien li r-rikorrenti hallew jghaddi biex bdew dawn il-proceduri juru li fil-verita' anke huma ma hassewx li kien hemm lezjoni ghax soltu min ihoss lezjoni dwar drittijiet fundamentali soltu jagixxi b'mod tempestiv.

Fil-fehma tal-Qorti d-dewmien sabiex rikorrenti jipprocedi b'kawza quddiem il-qorti b'kompetenza kostituzzjonali m'ghandux fil-principju jnaqqas mill-gravita' tal-lezjoni u wisq anqas m'ghandu jitqies bhala skuzanti sabiex min hu hati ta' dan il-ksur jibbenefika minn dan il-fatt li l-vittma ma procedietx qabel. Ghalhekk il-Qorti m'hijiex ser tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li r-rikorrenti hadu z-zmien sabiex agixxew u ser tghaddi sabiex tichad l-eccezzjonijiet imsemmija.

**<u>L-ewwel eccezzjoni tal-intimat Carmelo Magri – m'huwiex legittimu kontradittur:</u>**

Illi bhala l-ewwel eccezzjoni tieghu l-intimat Carmelo Magri eccepixxa li m'huwiex il-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna stante li cittadini privati ma jistghux ikunu misjuba li kisru drittijiet fundamentali ta' terzi, imma huwa biss l-Istat li jista' jinzamm responsabbli ghal dan specjalment meta wiehed iqis li l-unika haga li ghamel l-intimat kien li assigura li jottempera ruhu ma' dak li tghid il-ligi nostrana u xejn izjed.

Illi huwa accettat mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna li f'kawzi ta' indoli kostituzzjonali huwa l-Istat li ghandu jwiegeb ghall-vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali billi huwa l-Istat li ghandu l-obbligu illi jassigura li l-ligijiet ma joholqux zbilanc jew sproporzjon ingust bejn id-drittijiet tal-persuna u l-obbligi tal-Istat.

Il-Qorti Kostituzzjonali fid-decizjoni tas-6 ta' Frar, 2015 fil-kawza fl-ismijiet **Sam Bradshaw et -vs- L-Avukat Generali et** dwar il-kwistjoni ta' legittimu kontradittur trattat ukoll il-kwistjoni ta' kostituzzjonalita' u spejjez f'kawza simili u nghad illi:

> '20. Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm taqbel mat-tezi li, ladarba l-kazin agixxa skont il-ligi, allura m'ghandux legalment jirrispondi ghall-inkostituzzjonalita' tal-ligi applikata minnu jew jehel spejjez tal-kawza, izda mill-banda l-ohra, il-proceduri odjerni necessarjament jaffettwaw lill-kazin stante li dan hu parti fir-rapport guridiku li huwa regolat b'ligi li l-kostituzzjonalita' taghha qed tigi attakkata. Ghaldaqstant il-prezenza tieghu f'dawn il-proceduri hija necessarja ghall-finijiet tal-integreta' tal-gudizzju. Il-kazin bhala inkwilin tal-fond ghandu interess guridiku f'din il-kawza peress li l-meritu jikkoncerna lilu direttament. Ghal din ir-raguni huwa ghandu jkun partecipi fil-gudizzju u ghalhekk huma legittimi kuntradituri. Ghaldaqstant lewwel

Qorti kienet korretta meta laqghet it-talba ghas-sejha fil-kawza tal-kazin intimat.'.

Il-Qorti tqis li m'ghandhiex xi zzid ma' dak li nghad mill-Qorti Kostituzzjonali stante li taqbel mal-istess. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni.

**<u>Ir-raba' eccezzjoni – zgumbrament tal-intimat Magri:</u>**

Illi fir-raba' eccezzjoni tieghu l-intimat jeccepixxi li t-talba ghall-izgumbrament tieghu hija nsostenibbli stante li huwa qieghed jirrisjedi fil-proprjeta' taht titolu validu fil-ligi u mhux klandestinament.

Illi dwar dik il-parti tat-tieni talba relatata mal-izgumbrament, il-Qorti tqis li ghandha ssegwi l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fid-decizjoni **Joseph Camilleri -vs- Avukat Generali et** deciza nhar it-8 ta' Ottubru, 2020, fejn gie ritenut li d-dmir tal-Qorti odjerna hu li tiddeciedi jekk il-ligi tiksirx il-jedd fundamentali tar-rikorrenti u taghti rimedju. Il-persuna li ghandha twiegeb ghall-ksur tal-jedd fundamentali hu l-Istat u mhux il-privat. Il-Qorti, irrispettivament hijiex il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali, ma tordnax zgumbrament gjaladarba dak huwa rimedju kontra l-privat. Oltre dak ravvizat fl-imsemmija decizjoni, illum il-gurnata r-rikorrenti Diana Gatt et ghandhom ghad-disposizzjoni taghhom il-fakulta' li jitolbu sew awment tal-kera, kif ukoll l-izgumbrament tal-inkwilini jekk jirrizultaw cirkostanzi kontemplati fl-Att XXIV tal-2021 b'dan li l-izgumbrament tar-rikorrenti m'ghandux isir f'dawn il-proceduri[2]. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' r-raba' eccezzjoni

[2] Ara decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Jeremy Cauchi et -vs- Avukat Generali et** deciza nhar is-26 ta' Jannar, 2022.

tal-intimat Carmelo Magri u tichad dik il-parti tat-tieni ~~eccezzjoni~~ talba[3] relatata mal-izgumbrament.

**<u>L-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea:</u>**

Illi l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi illi:

> 'Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.
>
> Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.'.

Illi huma tlieta (3) ir-rekwiziti li ghandhom jigu sodisfatti sabiex interferenza mill-Istat titqies bhala permissibbli, billi jigi analizzat is-segwenti:

i. jekk il-mizura adottata mill-Istat tkunx saret fil-kuntest ta' qafas legali;

ii. jekk l-iskop tal-mizura jilhaqx ghan legittimu; u

[3] Korrezzjoni awtorizzata permezz tad-digriet datat 10 ta' Mejju 2023

iii. jekk il-mizura li tkun ittiehdet zammitx bilanc proporzjonat bejn l-ghan socjali u l-htiega li jigu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien.[4]

**i. Jekk il-mizura adottata mill-Istat saritx fil-kuntest ta' qafas legali:**

Illi l-ordni ta' rekwizizzjoni 26595 (fol. 133) u s-segwenti kirja furzata insegwitu ghad-derekwizizzjoni tad-19 ta' Mejju, 2011 (fol. 137) prattikament jistghu jitqiesu bhala mizura mill-Istat mehuda taht qafas legali billi nharget bis-sahha tal-Kap. 125 tal-Ligijiet ta' Malta.

**ii. Jekk l-iskop tal-mizura jilhaqx ghan legittimu:**

Ordnijiet ta' rekwizizzjoni huma intizi sabiex jassiguraw illi kull persuna jkollha akkomodazzjoni xierqa, u cioe' sabiex jipprotegu nies vulnerabbli minn homelessness u jissalvagwardjaw id-dinjita' ta' inkwilini b'mezzi limitati. Ghalhekk, bhala mizuri mehuda fl-ambitu ta' akkomodazzjoni socjali, ordnijiet ta' rekwizizzjoni bhala regola generali ma jistghux jitqiesu bhala koncedimenti ta' beneficcju privat. Dan jinsab filfatt rikonoxxut fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, fejn gie espressament ikkonfermat illi ordnijiet ta' rekwizizzjoni u kontroll tal-kera kellhom ghan legittimu fl-interess generali ghar-ragunijiet appena msemmija.[5]

---

[4] Ara decizjoni fl-ismijiet **Joseph Darmanin -vs- Avukat Generali et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-31 ta' Mejju, 2019. Ara wkoll Edwards -vs- Malta (QEDB, 24/10/2006) par. 67-68.

[5] Ara decizjoni fl-ismijiet **Mary Azzopardi pro et noe -vs- Awtorita' tad-Djar et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-31 ta' Awwissu, 2021.

**iii. Jekk il-mizura zammitx bilanc proporzjonat bejn l-ghan socjali u l-htiega li jigu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien:**

Huwa minnu li l-Istat igawdi minn margini ta' diskrezzjoni wiesgha fejn tidhol legislazzjoni b'ghan socjali bhal ma hi l-akkomodazzjoni socjali. Ghandu ghalhekk jigi ezaminat jekk, l-applikazzjoni fil-kaz konkret ta' ligi li hija maghmula *prima facie* "skond l-interess generali" tivvjolax il-principju tal-proporzjonalita'.

Illi fil-kaz odjern l-valur lokatizzju tal-fond fis-sena 2021 huwa dak ta' €13,650 fis-sena filwaqt li l-kera percepita mir-rikorrenti hija dik ta' €185 fis-sena. Huwa evidenti li hemm sproporzjon enormi bejn dak li s-sidien potenzjalment setghu jircievu bhala dhul annwali mill-fond mertu tal-kawza u d-dhul li effettivament kienu qed jippercepixxu minghand l-intimat Magri.

Ghalhekk il-Qorti ssib li l-ordni ta' rekwizizzjoni u l-kirja forzata fuq ir-rikorrenti u l-antekawza taghhom b'effett tal-ordni ta' rekwizizzjoni jilledu d-dritt fundamentali tar-rikorrenti kif sancit bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghal liema lezjoni hija responsabbli l-intimata Awtorita' tad-Djar ghaliex kienet hi jew l-antekawza taghha li hargu tali ordni u konsegwenza taghha giet imposta kirja furzata tal-intimat Magri fuq ir-rikorrenti.

**<u>L-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta:</u>**

Illi l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jiddisponi illi:

‘(1) **Ebda proprjetà ta’ kull xorta li tkun** ma għandu jittieħed pussess tagħha b’mod obbligatorju, **u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta’ kull xorta** li tkun ma għandu jiġi miksub b’mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta’ liġi applikabbli għal dak it-teħid ta’ pussess jew akkwist –

(a) għall-ħlas ta’ kumpens xieraq;

(b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta’ aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta’ kull kumpens li għalih tista’ tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta’ dak il-kumpens; u

(ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f’dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta’ appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f’Malta:

Iżda f’każijiet speċjali l-Parlament jista’, jekk hekk jidhirlu xieraq li jagħmel fl-interess nazzjonali, b’liġi jistabbilixxi l-kriterji li għandhom jitħarsu, magħduda l-fatturi u ċ-ċirkostanzi l-oħra li għandhom jitqiesu, biex jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jitħallas dwar proprjetà li jittieħed pussess tagħha jew li tiġi akkwistata b’mod obbligatorju; u f’kull każ bħal dak il-kumpens għandu jiġi iffissat u għandu jitħallas skont hekk.’ (enfazi mizjuda mill-Qorti)

Illi gie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali li f’kawza ta’ lezjoni ta’ drittijiet fundamentali konsegwenza ta’ kirja forzata b’effett ta’ ordni ta’ rekwizizzjoni l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta m’huwiex applikabbli billi l-Kap. 125 tal-Ligijiet ta’ Malta gie

promulgat ferm qabel is-sena 1962 u ghalhekk l-operazzjoni ta' dan il-kapitolu hija protetta mill-Artikolu 47 (9) tal-Kostituzzjoni. Ir-rikorrenti wkoll ma ndikaw l-ebda wahda mill-emendi li gew promulgati tul is-snin li taqa' taht xi wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) tas-sub-artikolu 9. Ghaldaqstant il-Qorti tqis li l-Artikolu 37 m'huwiex applikabbli.

**Rimedji:**

Illi r-rikorrenti oltre t-talba ghal dikjarazzjoni ta' lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom qed jitolbu li l-Qorti tillikwida kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti ai termini tal-ligi.

**Kumpens:**

Il-Qorti ser tikkunsidra ghall-finijiet ta' likwidazzjoni tad-danni pekunjarji l-perijodu mis-sena 1987 billi kif irrizulta l-ilment huwa biss applikabbli fit-termini tal-Konvenzjoni Ewropea sas-sena 2021. Dwar il-kwota ta' Giovanni Ver Elst ta' 20.87% li giet akwistata mill-konjugi Carbonaro, Nathalie Busuttil Leaver, Rosanne Petrococchino, Maurice Petrococchino u Albert Petrococchino, David Tonna u Robert Gatt din ser tibda kkalkolata mis-sena 2010 u dan ghar-ragunijiet indikati aktar il-fuq.

Illi dwar il-kumpens gie ritenut fid-decizjoni ricenti tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Professur Ian Refalo nomine -vs- Nicholas Ciantar et** deciza fl-4 ta' Mejju, 2022 illi:

> 'Il-Qorti tirrileva li llum-il ġurnata l-likwidazzjoni tal-kumpens dovut f'dawn it-tip ta' każijiet isegwi l-kriterji ta' komputazzjoni stabbiliti fis-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Cauchi v. Malta** (QEDB, 25/03/2021). F'din is-sentenza ġie spjegat, in suċċint, illi sabiex jiġi likwidat

kumpens xieraq għandu jsir tnaqqis ta' ċirka 30% mis-somma li kienet tkun perċepibbli mill-attur fuq is-suq liberu minħabba l-għan leġittimu tal-liġi mpunjata, u tnaqqis ieħor ta' 20% fuq is-somma riżultanti sabiex jittieħed kont tal-inċertezza illi l-attur kien jirnexxilu jżomm il-proprjeta` mikrija tul iż-żmien relevanti kollu għall-prezzijiet indikati mill-perit tekniku. Mis-somma riżultanti għandha mbagħad titnaqqas il-kera perċepita mill-attur, jew il-kera li kienet perċepibbli skont il-liġi.'.

Kera dovuta mis-sena 1987 sas-sena 2021 skont ir-rapport peritali tal-Perit Cassar tammonta komplessivament ghal €165,327.54.

Il-kera percepita mis-sena 1987 sas-sena 2021 qed tigi kalkolata ghas-somma komplessiva ta' €3,855.01.

€165,327.54 - €3,855.01= €161,472.53

Il-Qorti tqis li, in linea mal-gurisprudenza suesposta, ghandha titnaqqas somma ulterjuri ekwivalenti ghal 30% u wkoll persentagg ulterjuri ta' 20% stante li kif inghad fil-gurisprudenza suesposta mhux neccessarjament il-proprjeta' in kwistjoni kienet ser tinkera tul il-perjodu kollu li kieku kienet libera sabiex tinkera:

€161,472.53 – 30%=€113,030.77 – 20% = €90,424.62

**<u>Ammont ta' kumpens dovut fir-rigward dan il-fond</u>**: disghin elf erbgha mija u erbgha u ghoxrin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€90,424.62).

Illi in kwantu ghad-danni non pekunjarji l-Qorti tqis li d-diskrezzjoni dwar il-quantum tal-kumpens moghti tibqa dejjem f'idejn il-Qrati taghna. Rat ukoll id-decizjoni fl-ismijiet **Henry Deguara Caruana Gatt et -vs- Avukat Generali et** deciza mill-

Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru, 2020 fejn il-Qorti qieset li l-ammont ta' €500 ghal kull sena illi l-parti li tkun sofriet ksur tad-drittijiet fondamentali taghha hija korretta kkunsidrat li ssegwi l-prassi tal-Qrati Maltin u l-Qorti Ewropea fuq dan il-punt. Ghaldaqstant in vista wkoll tas-somma gja likwidata f'danni suesposta li hija ferm anqas minn dik koncernata fid-decizjoni kkwotata l-Qorti tqis li kumpens ghal danni mhux pekunjarji ta' sebgha 'telef (€7,000) huwa wiehed idoneu u gust fic-cirkustanzi.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tilqa' in parte l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita' ntimata u dan fis-sens li fir-rigward il-kwota ta' 20.87% originarjament proprjeta' ta' Giovanni Ver Elst illum tar-rikorrenti Carbonaro, Petrococchino et, Tonna u Gatt il-kumpens u d-danni jibdew jigu likwidati mis-sena 2010;

2. Tilqa' r-raba' eccezzjoni tal-intimat Carmelo Magri billi din il-Qorti m'hijiex vestita bil-kompetenza li tiddeciedi dwar zgumbrament ta' fond fic-cirkostanzi odjerni;

3. Tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet tal-intimati Awtorita' tad-Djar u l-intimat Carmelo Magri u dan sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

4. Tilqa' limitatament l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi li minhabba l-ordni ta' rekwizizzjoni numru R.O.26595 tezisti lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u l-antekawza taghhom kif sancit fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel

Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u li effett tal-ordni ta' rekwizizzjoni msemmija ghadha sallum tinciedi fuq id-drittijiet patrimonjali u konvenzjonali tar-rikorrenti;

5. Tilqa' limitatament it-tieni talba u tiddikjara u tiddeciedi li l-lokazzjoni tal-fond ossia Flat 2, 133 fi Triq il-Merkanti, Valletta, proprjeta' tar-rikorrenti a favur tal-intimat Carmelo Magri tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sancit fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

6. Tilqa' limitatament it-tielet talba u tiddikjara u tiddeciedi li l-intimata Awtorita' tad-Djar hija responsabbli ghal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tar-rekwizizzjoni u okkupazzjoni in kwistjoni li ma kkreatx bilanc gust bejn id-drittijiet tas-sidien rikorrenti u dawk tal-inkwilini, stante li l-kera pagabbli lir-rikorrenti ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizzju tal-proprjeta' in kwistjoni;

7. Tilqa' r-raba' talba u tillikwida l-kumpens u danni pekunjarji u non pekunjarji fl-ammont kumplessiv ta' sebgha u disghin elf erbgha mija erbgha u ghoxrin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€97,424.62);

8. Tilqa' l-hames talba u tikkundanna lill-intimata Awtorita' tad-Djar thallas l-kumpens u danni pekunjarji u non pekunjarji hekk likwidati fil-paragrafu precedenti bl-imghax legali mid-data tal-prezenti sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez interament a karigu tal-intimata Awtorita' tad-Djar.

Stante li nstabet lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti l-Qorti tordna n-notifika ta' din id-decizjoni lill-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' Marzu, 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Marzu, 2023**